MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2012

Numru. 1468/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Raymond Aquilina]**

**vs**

**Gordon Mallia**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Gordon Mallia detentur tal-karta tal-identita` numru 543173(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-18 ta' Settembru 2006 jew fil-jiem ta' qabel-

1. Irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-Artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali:

2. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi haddiehor;

3. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti imsemmija fl-Artikolu 185 tal-Kodici Kriminali a tenur tal-artikolu 186 tal-Kodici Kriminali.

Rat l-ammissjoni tal-imputat fil-verbal tas-6 ta' Frar 2012, u l-konferma ta' tali ammssjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu;

Rat illi l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni, li l-fedina penali hija wahda netta u r-rwol tal-imputat fl-otteniment tal-licenzja de quo ma kienx wiehed principali.

Inoltre, l-imputat kien determinanti sabiex il-prosekuzzjoni tasal ghall-perpetraturi reali u principali ta' dawn il-kawzi.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 42(d) 185(1) u 121A(1) tal-Kap. 9 qed issib lill-imputat Gordon Mallia hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------